L-Ospizio
Fuljett maħruġ mil-Librerija Louis Grech, l-Ospizio, Floriana
It-tmienja u tletin ħarġa: Jannar – Frar 2007

# (8) Wolfgang Amadeus Mozart (1756 – 1791)

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fl-2006 l-Ewropa iċċelebrat l-anniversarju tat-twelid ta' wieħed mill-akbar ġenji mużikali li qatt rat id-dinja. Dan mhu ħadd ħlief Wolgang Amadeus Mozart. Fl-istess sena wkoll, Malta iċċelebrata dal-avveniment daqstant importanti billi ippubblikat ktieb ta' xogħlijiet għall-pjanu minn disa' kompożituri maltin, imnebbħin minn xogħlijiet bikrin tal-istess kompożitur awstrijakk. L-artikolett tiegħi 'Wolfgang Amadeus Mozart (1756-91)' kien deher f'paġna nru 4 tal-fuljett 'L-Ospizio', Għadd 38, Jan. – Frar 2007.

Kliem muftieħ: Ospizio (Furjana), Skola Sekondarja Subien Lorenzo Manchè, Mużika, Edukazzjoni, W. A. Mozart, *A Musical Tribute to Mozart from Malta*

Matul dis-sena l-Ewropa qed tiċċelebra l-anniversarju tal-250 sena mit-twelid tal-akbar ġenju li qatt rat id-dinja mużikali - Joannes Chrysostomus Wolfgangus Theophilus MOZART. Dal-prodiġju twieled nhar is-27 ta' Jannar, 1756 fil-belt ta' Salzburgu, l-Awstrija. Huwa ħa l-ewwel tagħlim mużikali mingħand missieru stess, Leopold, vjolinista ta' fama u kompożitur ta' għadd ta' xogħlijiet fosthom, is-Sinfonija tal-Ġugarelli. Ta' ħames snin Mozart kien diġà jaf idoqq tajjeb ħafna l-pjanu u jikteb il-mużika. Infatti, l-ewwel opra kitibha meta kellu biss tanx-il sena. Minn hemm 'il quddiem qatt ma ħares lura.



Mozart qed jikkomponi biċċa mużika

Fl-1782, Wolfgang iżżewweġ lil Constanze Weber, iżda missieru ma kienx tal-istess fehma għax din kienet traskurata daqs żewġha f'dik li hija ndafa fid-dar. Id-disa' snin li damu jgħixu fi Vjenna ġarrew mhux anqas minn ħdax-il darba. Mozart qatt ma laħaq fejn kellu jilħaq għax kien miġġieled mal-arċisqof ta' Salzburgu. Tant kien aħrax it-tilwim ta' bejniethom li tkeċċa mix-xogħol f'qasir żmien. Huwa fatt magħruf li, Mozart kien ta' żaqqu f'fommu, u moħħu biss biex jiddeverti u jberbaq ġidu ma' sħabu. Minħabba f'hekk, baqa' għall-ħajtu kollha jitħabat biex jaqla' l-għaxja ta' lejla għax mill-kunċerti li kien jagħti ma kienx jieħu flus imma biss rigali.




Mozart miet nhar il-5 ta' Diċembru, 1791 fl-età żgħira ta' 36 sena. Tant miet fqir li ġie midfun f'qabar tal-massa. Matul ħajtu rnexxielu jikteb, fost affarijiet oħra, nofs tużżana opri bis-sens, 21 kunċert għall-pjanu, 24 kwartett għall-korda, 17-il quddiesa, kif ukoll, 41 sinfonija.

Mużika mnebbħa minn kitbiet bikrin ta' Mozart: Grupp ta' disa' kompożituri Maltin ingħaqdu flimkien biex jiċċelebraw mal-

bqija tal-Ewropa dal-avveniment storiku. Dil-ġabra ta' xogħlijiet oriġinali għall-pjanu issa tinsab fi ktejjeb li jġib l-isem ta' *A Musical Tribute to Mozart from Malta*. Ix-xogħlijiet huma msejsin fuq oħrajn li Mozart kien kiteb meta kellu biss madwar sitt snin.

Tagħrif miġbur mis-Sur Manoel Pirotta, għalliem tal-mużika.